**9 ta' Lulju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Dr. Joseph Fenech *noe*

*versus*

Mcoy & Partner 1885 Ltd.

**Esekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Tribunali ta' Pajjiżi Esteri - Notifika**

*Skond il-Kap. 52 "sentenza" tinkludi deċiżjoni fil-proċediment ta' arbitraġġ jekk id-deċiżjoni, skond il-liġi li tkun issehh fil-lok fejn tkun ġiet mogħtija, tkun saret esegwibbli bħal sentenza mogħtija minn qorti f'dak il-lok.*

Il-Qorti:-

Rat dan ir-rikors ta' l-Avukat Dottor Joseph Fenech *nomine*;

"Rikors ta Dr. Joseph Fenech bħala mandatarju u f'isem is-

soċjetà estera Demexco Handelsgeschellaft m.b.H.;

Jesponi bir-rispett:

Illi l-kumpannija rappreżentata mill-esponent kienet għamlet kuntratt ta' bejgħ ta' kwantità ta' *millingwheat* Jugoslav *in bulk* (dok. B) numru 96120 ddatat 27 ta' Settembru, 1996 u l-partijiet assoġġettaw kull *dispute* li tinqala' għall-arbitraġġ f'Londra mill-*Grain and Feed Trade Association* magħrufa bħala GAFTA;

Illi nqalgħet kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-kwalità tal-qamħ u l-intimati kompraturi rrifjutw li jħallsu l-bilanċ tal-prezz;

Illi l-partijiet issottomettew il-vertenza għall-arbitraġġ skond ir-regolamenti ta' GAFTA u l-arbitraġġ ta' *award* tiegħu No. 12075 A favur id-ditta esponenti fis-26 ta' Frar, 1997 u l-intimati ġew ordnati jħallsu lill-kumpannija esponenti s-somma ta' USD496,990.05 oltre l-imgħax tas-7.5% mit-8 ta' Ottubru, 1996 kif ukoll l-ispejjeż;

Illi dan l-*award*, li kopja awtentika tiegħu qed tiġi esebita (dok. C) hija enforzabbli u esegwibbli bħallikieku kienet sentenza ta' Qorti Superjuri Ingliża (dok. D u E) u għalhekk a tenur ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 52 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jitlob li dan l-*award* jiġi rreġistrat skond il-liġi, fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili, biex ikun jista' jiġi esegwit qisu sentenza tal-Qrati ta' Malta kontra s-soċjetà intimata";

Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija intimata";

Rat in-nota tas-soċjetà intimata Abacus Holdings Limited

li biha ġie rreġistrat il-fatt li din is-soċjetà kienet irriżenjat minn Direttur tas-soċjetà intimata u mir-rappreżentanza legali u ġuridika tagħha;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Joseph Mifsud ta' l-1 ta' Ġunju, 1998 li biha informa lill-Qorti illi huwa kien ġie nnotifikat bl-atti ta' dan ir-rikors, imma li kif jidher mill-ewwel paġna tad-dokument X1, l-ordni tal-Qorti tal-Kummerċ, *Queen's Bench Division* tal-*High Court of Justice* Ingliża kellu jiġi nnotifikat lis-soċjetà Mcoy & Partner (1885) Limited waqt li mid-dokument esebit ma jidhirx li l-ordni tal-Qorti Ingliża kienet hekk ġiet innotifikata lil din is-soċjetà. Hu informa lill-Qorti illi, oltre dan, min kien jirrappreżenta lid-ditta Mcoy & Partner (1885) Limited u ċjoè s-sur Kevin J. Valenzia tad-ditta Cooper and Lybrand kien ippreżenta nota li ma kienx għadu jirrappreżenta lis-soċjetà Mcoy & Partner (1885) Limited. L-Avukat Mifsud talab li jinstemgħu sottomissjonijiet dwar dan;

Rat li l-Qorti, wara li hadet informazzjonijiet meħtieġa fuq dan l-aspett tal-kwistjoni, assigurat il-prova illi n-notifika kienet validament saret lis-soċjetà Mcoy & Partner (1885) Limited, kif jirriżulta mill-kontenut ta' ittra ta' l-istess Avukat Dottor Joseph M. Fenech ta' l-14 ta' April, 1998;

Rat il-provvedimenti tal-Kapitolu 52 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar l-esekuzzjoni reċiproka ta' sentenzi ta' tribunali Ingliżi u senjatament id-*definizzjoni ta' "sentenza" li, skond dak l-Att,* tfisser kull sentenza jew ordni mogħtijin mill-Qorti fi proċedimenti ċivili jew kumerċjali sew jekk qabel u kemm wara jkun għadda dak l-Att li bihom ġie ordnat il-ħlas ta' somma ta' flus u tfisser ukoll deċiżjoni fil-proċedimenti ta' arbitraġġ jekk id-deċiżjoni tkun skond il-liġi li tkun isseħħ fil-lok fejn tkun ġiet mogħtija u tkun saret esegwibbli bħal sentenza mogħtija mill-Qorti f'dak il-lok;

Rat illi mill-atti jirriżulta illi d-deċiżjoni ta' l-arbitraġġ meritu ta' dan ir-rikors *illi s-soċjetà rikorrenti qed tittanta* tirrendi esegwibbli daqslikieku kienet sentenza tal-Qrati ta' Malta kontra s-soċjetà intimata kienet tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-liġi Ingliża b'mod li din id-deċiżjoni setgħet tiġi esegwita mill-Qrati f'dak il-lok skond il-liġi ta' dak il-pajjiż esteru bl-istess mod u bl-istess effett;

Rat illi, konsegwentement għall-fatt illi din id-deċiżjoni kienet saret finali u kellha l-forza ta' ġudikat fil-ġurisdizzjoni fejn ingħatat u *li kienet allura* esegwibbli daqs*likieku kienet* sentenza f'dak il-pajjiż u konsegwentement ma tirriżultax raġuni għaliex it-talba tar-rikorrent ma kellhiex tiġi favorevolment ikkunsidrata, tilqa' l-istess talba bl-ispejjeż kontra l-kumpannija intimata.

---